# IT-TRASPORT BL-AJRU: AJRU UNIKU EWROPEW

L-inizjattiva Ajru Uniku Ewropew għandha l-għan li żżid l-effiċjenza tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru billi tnaqqas il-frammentazzjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew. Min-natura tagħha, din l-inizjattiva, li qed tiġi implimentata bħalissa, hija waħda pan-Ewropea u miftuħa għall-pajjiżi ġirien.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## L-OBJETTIVI

L-inizjattiva Ajru Uniku Ewropew (SES) tnediet fl-1999 sabiex ittejjeb il-prestazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM[1]) u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ANS[2]) permezz ta' integrazzjoni aħjar tal-ispazju tal-ajru Ewropew. Il-benefiċċji ddikjarati tas-SES jistgħu jkunu potenzjalment enormi: meta mqabbla mas-sitwazzjoni fl-2004, l-Inizjattiva (ladarba titlesta fil-perjodu 2030-2035) tista' tittriplika l-kapaċità tal-ispazju tal-ajru, tnaqqas bin-nofs l-ispejjeż tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, ittejjeb is-sikurezza b'għaxar darbiet, u tnaqqas l-impatt tal-avjazzjoni fuq l-ambjent b'10 %[3].

## IL-KISBIET

L-inizjattiva Ajru Uniku Ewropew tnediet b'reazzjoni għal dewmien dovut għan-navigazzjoni tal-ajru, li laħaq il-livell massimu tiegħu fl-Ewropa lejn l-aħħar tas-snin disgħin. L-għan tal-Inizjattiva huwa li tnaqqas il-frammentazzjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew (bejn Stati Membri, użu ċivili u użu militari, u teknoloġiji differenti), biex b'hekk tiżdied il-kapaċità tiegħu u l-effiċjenza tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru. Min-natura tagħha, din l-inizjattiva hija waħda pan-Ewropea u l-implimentazzjoni tagħha hija miftuħa għall-pajjiżi ġirien. Fil-prattika, huwa mistenni li l-Inizjattiva tirriżulta fi tnaqqis fil-ħin tat-titjiriet (minħabba rotot iqsar u inqas dewmien) u, konsegwentement, fi tnaqqis fl-ispejjeż tat-titjiriet u fl-emissjonijiet tal-inġenji tal-ajru. L-ewwel sett ta' rekwiżiti komuni biex tiġi stabbilita l-Inizjattiva ġie adottat fl-2004 (SES I); dawn kienu jinkludu r-Regolament (KE) Nru 549/2004 li jippreskrivi l-qafas

[1]Il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tiżgura li l-inġenji tal-ajru jkunu jistgħu jiċċaqalqu b'sikurezza u effiċjenza waqt il-fażijiet kollha tal-operazzjonijiet (inklużi s-servizzi tat-traffiku tal-ajru, il-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, u l-ġestjoni tal-flussi tat-traffiku tal-ajru).

[2]It-terminu "servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru" jirreferi għas-servizzi kollha pprovduti għan-navigazzjoni tal-ajru, inklużi s-servizzi tat-traffiku tal-ajru, is-servizzi ta' komunikazzjoni, ta' navigazzjoni u ta' sorveljanza, is-servizzi meteoroloġiċi, u s-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika.

[3]Dawn huma l-objettivi "uffiċjali" tal-Inizjattiva, li l-oriġini tagħhom mhijiex ċara.

għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew, ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew[4], u r-Regolament (KE) Nru 552/2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru. Dan il-qafas ġie emendat fl-2009 (SES II) biex sar jinkludi mekkaniżmi abbażi tal-prestazzjoni (ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009). Ġie kkomplementat ukoll bl-estensjoni tar-regoli tal-UE dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni (u l-kompetenzi relatati tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, is-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, u l-operazzjonijiet fl-ajruporti[5]. B'mod parallel, ġew adottati għadd ta' regoli ta' implimentazzjoni u standards tekniċi mill-Kummissjoni permezz tal-proċedura tal-komitoloġija jew, b'mod inqas frekwenti, mil-leġiżlatur[6].

Dan il-qafas regolatorju komprensiv ħeġġeġ b'mod sinifikanti r-ristrutturar tal-ispazju tal-ajru Ewropew u l-provvista tal-ANS. Dan wassal, fost affarijiet oħra, għal: separazzjoni tal-funzjonijiet regolatorji mill-forniment tas-servizzi; ferm aktar flessibbiltà fl-użu ċivili u militari tal-ispazju tal-ajru; interoperabbiltà tat-tagħmir; klassifikazzjoni armonizzata tal-ispazju tal-ajru ta' fuq[7]; skema komuni ta' imposti għall-ANS; u rekwiżiti komuni għall-ħruġ ta' liċenzji għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Barra minn hekk, stabbilixxa l-"komponenti kruċjali" li jifformaw l-istruttura tal-Ajru Uniku Ewropew:

— Skont l-"iskema tal-prestazzjoni"[8], il-miri ta' prestazzjoni vinkolanti f'oqsma kruċjali — bħas-sikurezza[9], l-ambjent, il-kapaċità, il-kosteffiċjenza, u l-inċentivi — huma stabbiliti bil-għan li jtejbu l-effiċjenza kumplessiva tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru. Il-miri ta' prestazzjoni jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz tal-proċedura tal-komitoloġija[10]. Il-"korp ta' analiżi tal-prestazzjoni" maħtur mill-Kummissjoni jgħin fil-preparazzjoni ta' dawn il-miri u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni.

— Ir-rwol tal-"maniġer tan-netwerk" (li attwalment huwa Eurocontrol[11]) huwa u li jtejjeb il-prestazzjoni tan-netwerk tal-avjazzjoni tal-UE. Dan ir-rwol huwa responsabbli għall-"funzjonijiet tan-netwerk", li jeħtieġ jiġu indirizzati b'mod ċentralizzat, kif jiġri fil-każ tad-disinn tan-netwerk Ewropew tar-rotot, il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u l-koordinament tal-frekwenzi tar-radju użati mit-traffiku tal-ajru ġenerali.

[4]Minn ajruport sa ajruport, peress li l-ajruporti jservu bħala punti ta' dħul u ħruġ għall-ispazju tal-ajru. Dan huwa magħruf bħala l-approċċ "gate to gate".
[5]Skont ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[6]Kif jiġri fil-każ tad-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Liċenzja Komunitarja għall-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru.
[7]L-ispazju tal-ajru huwa kklassifikat skont "klassijiet" definiti mill-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li ngħataw deżinjazzjoni minn "Klassi A" sa "Klassi G". Ir-regoli dwar it-titjiriet u s-servizzi pprovduti huma differenti minn klassi għall-oħra.
[8]Stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010.
[9]Sitwazzjoni fl-2015.
[10]L-ewwel perjodu ta' riferiment għall-iskema ta' prestazzjoni kopra s-snin kalendarji mill-2012 sal-2014. Mill-2015 'l quddiem, kull perjodu ta' riferiment ikopri ħames snin kalendarji.
[11]L-Organizzazzjoni għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Eurocontrol) hija organizzazzjoni intergovernattiva pan-Ewropea ċivili u militari li nħolqot fl-1963 bl-għan li tħares is-sikurezza fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Eurocontrol tinkludi 41 stat kontraenti. Jeżisti ftehim ta' kooperazzjoni bejn Eurocontrol u l-Unjoni Ewropea rigward l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva. Fl-2011, il-Kummissjoni ħatret lil Eurocontrol bħala l-ewwel "maniġer tan-netwerk" tal-Inizjattiva sa tmiem l-2019. Eurocontrol ġiet nominata wkoll bħala l-ewwel "korp ta' analiżi tal-prestazzjoni" għall-Inizjattiva matul il-perjodu 2010-2016.

— Il-"blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali" huma intiżi biex jirrimedjaw għall-frammentazzjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew billi jirristrutturawh skont il-flussi tat-traffiku minflok skont il-fruntieri nazzjonali. Dan iservi biex jippermetti kooperazzjoni msaħħa (jiġifieri ġestjoni aħjar tal-ispazju tal-ajru, ottimizzazzjoni tan-netwerk tar-rotot, u ekonomija ta' skala permezz tal-integrazzjoni tas-servizzi) jew anke fużjonijiet ta' fornituri ta' servizzi bejn fruntieri nazzjonali, biex b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru. F'kull blokka ta' spazju tal-ajru funzjonali, jeħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jaħtru b'mod konġunt lil fornituri tas-servizz tat-traffiku tal-ajru(ATS)[12]. Sal-lum, intlaħaq qbil dwar disa' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali li jkopru 31 pajjiż[13].

— L-Impriża Konġunta SESAR (Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew), li ġiet stabbilita fl-2007, tamministra d-dimensjoni teknoloġika u industrijali tal-Inizjattiva, jiġifieri l-iżvilupp u l-attwazzjoni tas-sistema Ewropea l-ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Huwa stmat li l-fażi tal-iżvilupp tal-programm SESAR (għall-perjodu 2008-2024) b'kollox se tiġi tiswa EUR 3,7 biljun, li għandhom jinqasmu ndaqs bejn l-UE, Eurocontrol u l-industrija. Il-fażi ta' attwazzjoni (jiġifieri l-installazzjoni fuq skala kbira tas-sistema l-ġdida bejn l-2015 u l-2035) tista' tirrikjedi madwar EUR 30 biljun, li għandhom jiġu ffinanzjati mis-settur tal-avjazzjoni (90 %) u l-Unjoni Ewropea (10 %).

Għaldaqstant, jidher li, minkejja fluttwazzjonijiet annwali, l-effiċjenza tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa qiegħda titjieb. Id-dewmien medju fil-qasam tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru waqt it-titjiriet, minn 1,43 minuti għal kull titjira fl-2008, naqas għal 0,86 minuti fl-2016 (waqt li l-mira ta' prestazzjoni attwali hija ta' dewmien ta' 0.5 minuti għal kull titjira). Id-dewmien medju għall-wasliet fl-ajruporti fil-qasam tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru segwa l-istess tendenza, u waqa' minn madwar minuta għal kull titjira fl-2008 għal 0,75 minuti fl-2016. B'mod simili, jidher li l-estensjoni medja fir-rotta diretta orizzontali waqt it-titjira[14] — abbażi tal-aħħar pjan tat-titjira ddepożitat — jidher li għandu tendenza ta' tnaqqis, minn 5,03 % fl-2009 għal 4,82 % fl-2016 (jiġifieri, bħala medja, ir-rotot tat-titjiriet li jsiru jkunu 4,82 % itwal mir-"rotta l-iktar diretta"), waqt li l-mira ta' prestazzjoni attwali hija ta' 4,1 %. Anke l-kosteffiċjenza tjiebet: minkejja d-domanda tat-traffiku kienet aktar baxxa milli ppjanat, u minkejja t-tnaqqis relatat fid-dħul ippjanat, l-ispejjeż unitarji għal kull unità ta' servizz waqt it-titjiriet (f'termini reali) naqsu b'16,7% fiż-żona tal-Ajru Uniku Ewropew bejn l-2009 u l-2014[15].

Ta' min jinnota li dan it-titjib jista' jiġi parzjalment iġġustifikat minn traffiku pjuttost "baxx" minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku (il-livelli ta' traffiku fl-2016 bilkemm kienu ekwivalenti għal dawk li ġew reġistrati fl-2008). Filwaqt li t-traffiku ilu jiżdied minn nofs l-2013, it-tendenzi attwali probabbli ma jkunux biżżejjed biex jinkisbu l-objettivi

---

[12]It-terminu "servizzi tat-traffiku tal-ajru" (ATS) jirreferi għad-diversi servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjiriet, servizzi ta' twissija, servizzi ta' konsulenza dwar it-traffiku tal-ajru, u servizzi tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.

[13]L-Istati Membri kollha, flimkien mal-Bożnija-Ħerzegovina, in-Norveġja u l-Iżvizzera. Madankollu, fil-parti l-kbira tagħhom dawn il-blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali (li jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim reċiproku bejn l-istati skont "approċċ minn isfel għal fuq") għadhom definiti mill-fruntieri nazzjonali u ma jirriflettux neċessarjament il-flussi tat-traffiku.

[14]Din hi d-differenza bejn ir-rotta effettiva tat-titjira (bejn iż-żoni fit-terminals tat-tluq u tal-wasla, b'raġġ ta' 30 mil nawtiku madwar l-ajruporti) u r-rotta diretta, u tindika d-distanza żejda li tkun għamlet it-titjira.

[15]Madankollu, ta' min jinnota li l-ispiża unitarja għal kull unità kienet partikolarment għolja (l-ispejjeż unitarji għal kull unità ta' servizz jintużaw sabiex jiġu stabbiliti l-imposti li jħallsu l-linji tal-ajru għas-servizzi tal-ATM).

(ambizzjużi ħafna) tal-Inizjattiva[16]. Fil-fatt, minkejja l-progress li sar f'dawn l-aħħar għaxar snin, l-integrazzjoni sħiħa tal-ispazju tal-ajru Ewropew għadha 'l bogħod milli titlesta. L-Inizjattiva (li fi kwalunkwe każ mhix mistennija li se titlesta sal-2030-2035) taffaċċja diffikultajiet u reżistenza, b'mod partikolari minħabba l-ambitu enormi tagħha. F'Ġunju 2013 il-Kummissjoni pproponiet sett ġdid ta' regoli biex tindirizza l-kwistjonijiet tal-effiċjenza u l-prestazzjoni, kif ukoll l-istruttura istituzzjonali subottimali attwali. Dawn il-proposti għadhom qed jiġu diskussi[17].

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament dejjem għamel ħiltu sabiex ineħħi l-ostakli għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva billi jadotta approċċ pragmatiku. F'dan ir-rigward, huwa insista b'qawwa u b'suċċess fuq il-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn is-setturi ċivili u militari, fil-kuntest ta' użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru, anke meta l-Istati Membri kienu għadhom qed isibuha bi tqila li jindirizzaw il-kwistjoni. Kien ukoll il-Parlament li ppropona l-ħolqien ta' korp konsultattiv għall-industrija, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rigward l-aspetti tekniċi tal-Inizjattiva. Barra minn hekk, il-Parlament dejjem enfasizza r-rwol kruċjali li Eurocontrol għandu x'jiżvolġi fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva, u l-ħtieġa li titħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien, bl-għan li l-inizjattiva tiġi estiża lil hinn mill-fruntieri tal-UE.

Peress li l-objettivi ewlenin tal-Inizjattiva għadhom iridu jintlaħqu, il-Parlament issa qed jappella lill-Kummissjoni biex tibdel l-approċċ tagħha minn wieħed "minn isfel għal fuq" għal wieħed "minn fuq għal isfel", b'mod li tegħleb kwalunkwe reżistenza li fadal u tħaffef l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-programm SESAR u l-blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali.

Id-deċiżjonijiet ewlenin relatati li ħa l-Parlament jinkludu:

— ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tad-29 ta' Jannar 2004 dwar it-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew[18];

— ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-25 ta' Marzu 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 biex itejjeb il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-avjazzjoni[19];

— ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew[20];

— ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar il-proposta għal regolament dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni)[21].

[16]Pereżempju, il-mira attwali fir-rigward tal-kosteffiċjenza suppost twassal għal tnaqqis ulterjuri ta' 15,5 % fl-ispejjeż unitarji għal kull unità ta' servizz bejn l-2015 u l-2019.
[17]Il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari tat-12 ta' Marzu 2014 (ĠU C 378, 9.11.2017, p. 546) u r-Rapport Ġenerali tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2015 (COM(2015)0663).
[18]ĠU C 96E, 21.4.2004, p. 100.
[19]ĠU C 117E, 6.5.2010, p. 234.
[20] ĠU C 68E, 7.3.2014, p. 15.
[21]ĠU C 378, 9.11.2017, p. 546.

Esteban Coito
04/2019